KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 14#21/03/07/V**

# MINUTI TA' L-ERBATAX IL-SEDUTA

**L-erbatax il seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 21 ta' Marzu, 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono A&CE**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Ezekuttiv :** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-4.30pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni ta' Minuti**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**
4. **Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/Deputat Segretarju Eżekuttiv**
5. **Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji – (Ottubru sa Diċembru 2006)**
6. **Deċiżjoni dwar it-*tender* għal xiri tal-Van tal-Kunsill**
7. **Approvazzjoni ta' *bye-laws* dwar *catering establishments***
8. **Proġett f'Tas-Sliema bl-għajnuna tal-MTA**
9. **Affarijiet Oħra**

**F'isem il-membri tal-Kunsill, is-Sindku M. Arrigo introduċiet u tat merħba lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech.**

**1.Qari u approvazzjoni tal-minuti ta' l-aħħar seduta**

Il-Minuti ta' l-aħħar seduta ġew meħuda bħala moqrija u approvati.

*4.35 daħal il-kunsillier Michael Briguglio*
*4.36 daħal il-kunsillier Martin Debono*
*4.37 daħal il-kunsillier Nikki Dimech*



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 2. Materji konessi mal-Minuti

2.1 Il-kunsillier L. Vella fakkar dwar il-laqgħa pubblika li l-Kunsill kellu jagħmel mar-residenti Slimiżi dwar il-problema tal-ħamiem (4.3 ta' l-aħħar seduta). Il-Kunsill iddeċieda li din il-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 12 t'April, 2007 fil-5pm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill.

2.2 Il-kunsillier M. Briguglio reġa staqsa dwar l-individwu li għandu jagħti Lm26,000 f'ċitazzjonijiet, kif kien hemm indikat f'rapport ta' *Audit* 2005 (punt 4.9 ta' l-aħħar seduta). Il-kunsillier N. Dimech qal li ma setax iwieġeb għal dan għax il-laqgħa tal-kumitat kongunt kienet ġiet posposta għas-27 ta' Marzu, 2007.

2.3 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis ġibed l-attenzjoni dwar il-punt 3.3 ta' l-aħħar seduta dwar kif *Nazzarenu Street Embellishment* ipproponu kif għandha tiġi din l-area. Qal ukoll li dawn jistgħu jiktbu lill-MEPA u lill-ADT dwar dan. Madankollu l-Kunsill fakkar dwar id-deċiżjoni li jaqbel li għandhom jirranġaw pero mhux bil-mod li jintilef il-parkeġġ.

*Il-kunsillier M. Debono ħareġ mis-seduta fil-4.40pm.*

2.4 Il-kunsillier M. Briguglio rrimarka dwar il-kaxxi sofor li hemm quddiem il-garaxx fi Triq Depiro fejn il-Kunsill kien qabel li għandhom jitneħħew (punt 2.2 ta' l-aħħar seduta). Il-kunsillier M. Briguglio ssuġġerixxa li għandhom isiru *double yellow lines* minflok, minħabba li l-karozzi qegħdin jipparkjaw xorta. Is-Sindku M. Arrigo infurmat li għada ma rċivietx risposta mill-ADT dwar dan. Il-kunsill qabel li malli nirċievu r-risposta mill-ADT l-ittra tinqara waqt seduta tal-Kunsill, kif normalment isir.

*Reġa daħal il-kunsillier M. Debono fil-4.45pm*

2.5 Il-kunsillier M. Debono fakkar dwar il-linji sofor li kellhom isiru Dingli Circus (punt 4.15 ta' l-aħħar seduta) u l-ħofra fi Triq ix-Xatt (punt 4.14 ta' l-aħħar seduta). Is-Sindku qalet li kienet ġiet infurmata mill-ħaddiema tagħna li dawn kienu saru. Il-kunsillier M. Debono wara rrimarka li l-linji ġewwa Dingli Circus ma sarux kif kien issuġġerixxa. Dawn għandhom jiġu modifikati kif issuġġerixxa l-kunsillier M. Debono.

2.6 Id-deputat segretarja fakkret lill-kunsillier M. Debono dwar il-pjanta għall-*embellishment* fi Triq Dingli (fejn kien hemm it-tliet siġriet) (punt 4.1 ta' l-aħħar seduta). Peress li din ma ġietx ippreżentata kif kien miftiehem fl-aħħar seduta din għandha tasal l-uffiċċju tal-Kunsill sa' nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu, 2007, u għandha tintbgħat lill-kunsilliera kollha sabiex il-Kunsill ikun jista jiddeċiedi dwar dan. Il-Kunsill jrid japplika sa l'aħħar ta' Marzu, biex il-fondi ta' dan il-proġett jiġu rifonduti mill-*Urban Improvement Funding.*

*Daħal il-kunsillier J. Galea fil-5.05pm*

2.7 Il-kunsillier L. Vella rrimarka li l-attivita' li se ssir f'April, 2007 fit-teatru tas-Sależjani (punt 4.11 ta' l-aħħar seduta) għall-Għid, se tiġi tiswa madwar Lm500. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

2.8 Id-deputat segretarja fakkret dwar il-laqgħa li l-Kunsill kellu jagħmel dwar l-RPZ. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir wara li jkunu lesti r-rapporti kollha.

## 3. Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)

***Ħlas ta' pagamenti***

Il-pagamenti minn ċekk numru 8453 sa 8523 ġew approvati u ffirmati.

***Korrispondenza***

3.1 *Emails* mis-Sinjura C. Busuttil u l-kunsillier M. Briguglio dwar il-ħanut propost fi Triq Locker u dwar *billiards room* proposta ġewwa l-Plevna Hotel fi Triq Locker. Għaż-żewġ każijiet il-Kunsill ra li hemm il-permessi meħtiega mill-MEPA.

3.2 Ittra mill-Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi (Malta) dwar iċ-ċentru tal-boċċi għal Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel li għandhom jiktbu lid-Dipartiment ta' l-Artijiet bil-postijiet proposti tagħhom.

3.3 Ittra mis-Sinjur M. A. Vella rigward ostaklu li qiegħed isib quddiem il-garaxx ġewwa Triq Milner, fejn talab li ssir kaxxa safra. Il-Kunsill għandu jibgħat din it-talba lill-ADT.

3.4 Ittra mill-*Light House Marketing Creative Advertising* għal talba t'attivita dwar moda li hemm il-ħsieb li ssir f' Gunju 2007. Il-Kunsill jixtieq iżjed informazzjoni qabel ma jkun jista jiddeċidi.

3.5 Ittra mill-*Malta Tourism Authority* fejn infurmawna li l-lattrina pubblika fi Triq it-Torri ġiet innominata għal *Best Well Kept Public Convenience*. Il-kunsilliera M. Azzopardi se tkun preżenti għal din iċ-ċerimonja nhar it-28 ta' Marzu, 2007.

3.6 *Email* mill-Awtorita Dwar it-Trasport rigward parkeġġ riżervat għall-*booking office* ix-Xatt għas-Sur Raymond Mifsud. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li hemm kwistjoni interna bejn is-Sur Mifsud u s-Sur Ronnie Żammit li filfatt il-Kunsill kien irċieva ittra mill-avukat tas-Sur Ronnie Żammit. Ġie deċiż li l-avukat tal-Kunsill għandu jirrispondi kif meħtieġ.

3.7 Talba għal permess biex issir attivita' mis-Soċjeta Mużikali San Girgor Sliema biex isiru żewġ attivitajiet mis-27 sad-29 ta' Lulju, 2007 u mis-17 sad-19 t'Awissu, 2007. Il-Kunsill qabel li jgħati l-permess għall-attivita' ta' bejn is-27 u d-29 ta' Lulju, 2007 biss minħabba d-diversi attivitajiet li jiġu mitluba u l-inkonvenjenza li qegħda tinħoloq lir-residenti. Il-permess ta' din l-attivita' għandu jingħata bil-kundizzjonijiet li jingħataw issoltu fejn għandha tiżdied oħra li tgħid li jekk ma jinżammux il-kundizzjonijiet stipulati, permessi għall-attivitajiet oħra ma jingħatawx il-quddiem.

3.8 *Email* minn Merlin Library Ltd dwar il-kotba li ġew diskussi fl-aħħar seduta tal-kunsill biex jingħataw l-istudenti ta' l-iskola Primarja. Infurmawna li b'kollox hemm tlieta u tletin tfal u mhux tlieta kif kienu qalulna fl-aħħar seduta. Il-Kunsill xorta qabel li għandhom jingħataw il-kotba.

3.9 Ittra mill-*Geos Malta English Language Centre* fejn talbu biex jagħmlu riklami permess ta' *sandwich boards* jew fuq il-*planters* li hemm quddiem il-Plaza stess. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba. Is-*sandwich boards* huma illegali u ġie deċiż li dawn għandhom jimxu mal-*bye laws* tal-kunsill dwar l-*istreet furniture*.

3.10 *Email* mill-kunsilliera M. Azzopardi fejn ressqet is-suggerimenti tas-Sur Joe Morana dwar l-ilmenti minħabba t-tniġġis ta' l-arja kkawżat mit-traffiku ta' vetturi li jgħaddu minn toroq prinċipali. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'jista jagħmel dwar it-*traffic flow* ġewwa Tas-Sliema ċentrali ma' l-ADT. Il-kunsillier M. Debono ssuġġerixxa li għadna nagħmlu studju qabel xejn. Il-kunsillier L. Vella qal li għadna nikkunsidraw li Triq Borg Olivier u Triq Amery jiġu *one-way*. Il-kunsillier L. Vella ssuġerixxa li għadna naraw dan wara li jiġi finalizzat l-RPZ.

Il-kunsillier M. Debono ressaq proposta li tgħid li l-Kunsill għandu joħroġ żewġ studji dwar

1. It-traffiku ta' Tas-Sliema
2. l-*Ecological studies* tal-Coastline.

Ġie ssekondat mill-kunsillier M. Briguglio. Il-Kunsill kollu qabel dwar dawn l-istudji.

Il-Kunsill qabel ukoll li dawn iż-żewġ studji m'għandhomx jaqbżu Lm2000 kull wieħed u li għandu jistaqsi għall-kwotazzjonijiet.

3.11 *Email* mill-ADT dwar l-ittra tas-Sinjura Grace Borg dwar l-*loading/unloading bay* li hemm fi Triq Manwel Dimech. L-ADT infurmat li ma ssibx oġġezjoni li *loading/unloading* tiġi mressqa għall-ewwel *parking bay* fi Triq San Duminku. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni ta' l-ADT.

3.12 Applikazzjoni għal *reserved parking* f'isem Angele Bonello. Inqara r-rapport mediku. Il-Kunsill qabel li din għandha tingħata minħabba l-kundizzjoni kritika tagħha.

3.13 *Email* mill-kunsillier M. Briguglio dwar PA 2504/06 (Triq Manwel Dimech). Il-kunsillier M. Briguglio fakkar li l-kunsill kien diġa bagħat l-oġġezjoni tiegħu għal dan l-iżvilupp. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jsostni l-oġġezjoni tiegħu billi jerġa jibgħat lill-MEPA.

**<u>4. Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Eżekuttiv</u>**

4.1 Il-kunsillier M. Briguglio rrimarka dwar ix-xogħol li qiegħed isir fil-Galaxy. Il-ħaddiema jaħdmu kmieni filgħodu qabel is-7am, anke l-Ħdud u festi pubbliċi u mhux qegħdin iżommu mar-regolamenti. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kiteb lill-Galaxy u nfurma l-pulizija wkoll b'dan l-atteġjament. Peress li xorta baqgħu jaħdmu, il-Kunsill kollu qabel li għandu jibgħat ittra legali.

4.2 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis irrimarka dwar il-biċċa mit-triq li ġiet maqlugħa fil-bidu ta' Triq Santa Marija. Is-Sindku infurmat li dik kienet inqalgħet minn resident minħabba xi ħsara li kellu. Il-Kunsill kien infurmah li għandu jagħmel it-triq kif kienet.

4.3 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis qal li huwa tajjeb li nibdew insemmu t-toroq ta' Tas-Sliema għal nies minn Tas-Sliema. Issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikteb lill-*Street Naming Committee* sabiex insemmu triq f'Tas-Sliema għal Mons. Giużeppi Lupi (Dan kien qaleb il-messal mill-latin għall-Malti). Il-kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li għandha tissemma triq għal Julian Manduca (li kien ambjentalist). Dawn jistgħu jiġu flok Triq Kent u Triq Leone. Il-Kunsill qabel ma dan.

4.4 Il-kunsillier ~~L. Vella~~ Viċi Sindku u l-kunsillier M. Briguglio rrimarka dwar il-*flyers* li ntefgħu minn Parrocca partikolari u li ħammġu triq Annunzjata. Il-Kunsill irrefera għal Lm500 li ġew approvati għal kull parroċċa għall-attivitajiet kulturali u qabel waħda mill-kundizzjonijiet għandha tkun hi li ma jħammġux u ma jitfgħux *flyers* fl-art. F'każ li din ma tinżammx il-Kunsill qabel li jitnaqqsu Lm100 kull darba, mill-ammont tal-Parroċċa konċernata.

4.5 Il-kunsillier L. Vella ġibed l-attenzjoni li quddiem il-lukanda fi Triq il-Kbira qiegħed jitħalla munzell trab u concrete. Il-Kunsill għandu jinforma lill-kuntrattur sabiex jimxi mal-kundizzjonijiet.

4.6 Il-kunsillier L. Vella informa li hemm inqas bankijiet fil-proġett li qiegħed isir f'Għar id-Dud milli kien hemm. Is-Sindku nfurmat lill-kunsill li kellha konfermazzjoni li l-bankijiet kollha kienu se jitpoġġew.

4.7 Il-kunsillier L. Vella rrimarka dwar il-kundizzjoni tal-kiosk li hemm bħalissa. Il-Kunsill kien diġa kiteb lill-entitajiet konċernati sabiex il-kiosks ikunu kollha l-istess.

4.8 Il-kunsillier L. Vella qal li fejn il-*Lands End* hemm tabella ta' *No Parking* li qiegħda mwaħħla bl-ebda skop neċessarju. Il-Kunsill għandu jinforma lill-pulizija biex din titneħħa.

4.9 Il-kunsillier M. Debono staqsa dwar il-laqgħa li kien hemm it-Tlieta 20 ta' Marzu filgħodu fl-uffiċċju u lmenta għax ma ġiex avżat. Is-Sindku spjegat li din il-laqgħa kienet dwar informazzjoni ta' kif se jinħaddmu xogħlijiet fit-toroq bil-krejn. Qalet ukoll li dawn ġew dak in-nhar stess għall-informazzjoni u flok ma kellmu l-*istaff* biss (għaliex mhux kull permess jirrikjedi l-proċedura normali), ġiet riferut lis-Sindku. Filfatt ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni, u dak in-nhar stess sar ftehim biex issir laqgħa oħra nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu fl-10.30am. U la darba ġejna nfurmati ġiet imniżżla fis-*schedule of meetings*. Is-Sindku nfurmat li kull laqgħa li tkun taf dwarha minn qabel dejjem ġiet imniżżla.

Fuq dan il-punt is-Sindku xtaqet tiċċara li ma tistax tirrifjuta lil kull min jiġi l-uffiċċju u jistaqsi sabiex jiltaqa' magħha, sempliċiment għax ma jkunx hemm kunsillieri preżenti. U mhux ħaġa prattika li ċċempel lil kull min ikun konċernat biex jiġi dak il-ħin stess. Qalgħet ukoll li fuq kollox huwa d-dmir tagħha bħala Sindku li tilqa lil kull min jiġi l-uffiċċju għall-għajnuna, u probabbilment taf tiġi kkritikata jekk ma tagħmilx dan. Madankollu s-Sindku fakkret li kull kunsillier huwa fl-interess tiegħu li jżur l-uffiċċju b'mod regolari u f'każ li jkun hemm laqgħa f'dak il-ħin ikun jista jipparteċipa għaliex qatt ma ġie rrifjutat ħadd.

*Ħareġ il-kunsillier M. Briguglio 7pm*

4.10 Il-kunsillier J. Galea fakkar dwar l-*iskateboarding area* li kellha ssir. Il-Kunsill għandu jara dwar dan.

*Ħareġ il-kunsillier M. Debono 7.02pm*

4.11 Il-kunsillier J. Galea ġibed l-attenzjoni li hemm bandiera fejn is-*Solaris*. Din għandha titneħħa.

*Daħlu l-kunsilliera M. Debono u M. Briguglio 7.05pm*

*Ħareġ il-kunsillier J. Galea 7.06pm*

*Peress li kien hemm moviment ta' membri deħlin u ħerġin mis-seduta, is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kull darba li kunsillier ikollu bżonn joħroġ mis-seduta, irid jitlob il-permess tas-Sindku.*

4.12 Il-kunsillier M. Briguglio tkellem dwar il-proġett ta' TownSquare. Issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikteb lill-MEPA fejn ikun kontra t-32 sular mhux kontra l-proġett kollu. Il-kunsillier M. Briguglio qal li dan it-torri propost mhux qiegħed skond l-*local plan* u li l-MEPA għad m'għadniex *policies* dwar *highrise developments*. Il-kunsillier M. Briguglio żied jgħid li aħjar il-Kunsill jieħu deċiżjoni minħabba li l-*closing date* għall-oġġezzjoni, pero li ma kienx jaf meta hi. Il-kunsillier L. Vella talab għal iżjed informazzjoni konkreta iżda ma ġietx ippreżentata. Il-Kunsill ipprova jiċċekkja dak il-ħin stess minn fuq il-*website* tal-MEPA, anke bl-għajnuna tal-kunsilliera M. Debono u M. Briguglio sabiex il-Kunsill jikseb aktar informazzjoni u jara l-*closing date* għall-oġġezjoni meta hi. Pero din l-informazzjoni ma nstabitx.

Il-kunsilier M. Briguglio ressaq mozzjoni li tgħid :

**Li l-kunsill għandu joġġezzjona lill-MEPA kontra t-32 sular tal-proġett ta' TownSquare**

Ġie ssekondat mill-kunsillier M. Debono.

*Daħal il-kunsillier J. Galea 7.12pm*

Favur - il-kunsilliera M. Aquilina u M. Azzopardi.

Kontra - is-Sindku M. Arrigo, il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera N. Dimech, J. Galea u L. Vella.

B'erba voti favur u ħames voti kontra l-mozzjoni m'għaddietx.

Is-Sindku rrimarkat li ma tistax tittieħed deċiżjoni mingħajr ma jkollna iżjed informazzjoni. Għalhekk ressqet mozzjoni li tgħid:

**Il-Kunsill għandu jkollu iżjed informazzjoni qabel ma tkun tista tittieħed deċiżjoni.**

Ġiet issekondata mill-kunsillier N. Dimech.

Favur - Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis, l-kunsilliera J. Galea u L. Vella.

Astjenew - il-kunsilliera M. Aquilina, M. Azzopardi, M. Briguglio u M. Debono.

B'ħames voti favur u b'erba voti li ġew astjenuti l-mozzjoni għaddiet.

Il-Kunsill għandu jiltaqa' għal seduta oħra tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu, 2007 fl-4.30pm dwar dan.

4.13 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa jekk il-Kunsill hux interessat li jkollu komunikazzjonijiet mal-*Interreg*, li jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-proġetti kulturali u affarijiet oħra. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni u l-kunsillier M. Briguglio għandu jkun inkarigat minn dan.

4.14 Il-kunsillier M. Briguglio rrimarka li l-Kunsill għandu jindaga dwar l-*EU Funds* li tkellem dwarhom il-Ministru Tonio Borg.

4.15 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa annwali mar-residenti għandha tinżamm nhar il-Ġimgħa 20 t'April, 2007 fis-6 ta' filgħaxija, fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill.

*Ħareġ mis-seduta l-kunsillier M. Debono fis-7.20pm*

*Ħareġ mis-seduta l-kunsillier N. Dimech 7.22pm*

4.16 Il-Kunsill qabel li għandhom jinbiddlu t-tabelli li hemm matul il-promenade dwar il-ħmieġ tal-klieb, li għandha tinqara hekk: '*Be Responsible for your Environment and Clean after your dog*'.

*Daħal fis-seduta l-kunsillier N. Dimech 7.25pm*

4.17 Id-deputat segretarju nfurmat lill-kunsilliera preżenti li hemm bżonn li s-sistema tad-dħul tagħna li tinvolvi l-permessi tal-krejns, skips u permessi oħra tiġi regolata b'sistema kompjuterizata u neliminaw is-sistema manwali fejn awtomatikament se jiġu evitati żbalji numerikali u tkun iktar sistema effiċjenti. Din se tiġi tiswa madwar Lm1000. Il-kunsill qabel li għandha tintgħażel l-aħjar sistema wara li nġibu l-kwotazzjonijiet meħtieġa.

*Daħal il-kunsillier M. Debono fis-7.28pm*

4.18 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu *projects manager* biss għal xogħlijiet infrastrutturali. Huwa essenzjalji li l-Kunsill ikollu *contracts manager* sabiex jissorvelja u jirrakkomanda l-ħlas għal servizzi oħra provduti mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm *contracts manager* għal dawn ix-xogħlijiet:

1. Manutenzjoni u xogħlijiet oħra mill-ħaddiema tal-Kunsill
2. Tindif u knis ta' toroq
3. Manutenzjoni u żamma ta' lattrini pubbliċi
4. Tabelli u sinjali tat-traffiku
5. Manutenzjoni u żamma tal-promenade
6. Manutenzjoni u żamma ta' ġonna pubbliċi u *soft areas* oħra
7. Tindif ta' riċipjenti ta' l-iskart
8. Ħasil tal-promenade (matul is-Sajf)
9. Tindif tal-kosta

Il-Kunsill għadu jrid jiddeċiedi dwar l-ammont ta' siegħat u jekk hux bil-persentaġġ skond il-kuntratt.

4.19 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dwar kif tinħadem is-sistema tal-*joint venture* li l-Kunsill se jagħmel flimkien mal-Ministeru tat-Toroq. Il-Kunsill għandu joħroġ *tender* għall-materjal. Il-Kunsill u d-Dipartiment jiltaqgħu fuq il-post sabiex titkejjel il-biċċa tal-bankina. Is-Sindku nfurmat lill-membri ta' dan is-sotto kumitat li fit-22 ta' Marzu, 2007 se jiltaqgħu fin-12.30pm fi Triq Guże Howard (fejn il-Patricia Hotel), sabiex jibdew ikejlu t-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk għadniex ngħidu l-perit li jmur ikejjel kemm qabel u kemm wara li jsir ix-xogħol ħalli b'hekk il-perit ikollu rapport komplut u jkun f'posizzjoni li jkun jista jiċċertifika x-xogħlijiet. Il-Kunsill qabel li għall-ewwel nibdew billi l-perit imur ikejjel wara li jsir ix-xogħol, u eventwalment naraw skond kif inhu meħtieġ.

4.20 Il-Kunsill qabel li għandha ssir *sleeping policeman* tal-lastiku fi Triq Don Bosco.

**5. Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji (Ottubru sa' Diċembru 2006)**

Il-kunsillier N. Dimech ta' spjegazzjoni dwar dawn ir-rapporti u kif inhi s-sitwazzjoni finanzjara. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati dawn ir-rapporti.

*Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis telaq fis-7.35pm*

**6. Deċiżjoni dwar it-*tender* għal xiri tal-Van tal-Kunsill**

Id-deputat segretarju nfurmat li għat-*tender* applika wieħed b'dawn id-dettalji hawn taħt:

| Isem | Valur | Rimarki |
|---|---|---|
| Hardware Services Ltd | Lm7400 (Diesel) | *Roof length* Lm150<br>Sentejn garanzija<br>*In stock* f'Gunju 2007 |

Id-deputat segretarju nfurmat li wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni wasslet fl-uffiċċju tal-Kunsill kwotazzjoni (fit-12 ta' Marzu, 2007) mingħand il-Kia (Malta) Ltd bi prezz ta' Lm 4600 (Petrol) b'sentejn garanzija wkoll. Il-Kunsill ma setax iqabbel din il-kwotazzjoni ma' l-appikazzjoni tat-*tender*, minħabba li hija kontra l-proċedura.

Il-Kunsill ma qabilx li għandha tingħata t-*tender* lill-*Hardware Services Ltd* minħabba li hija għolja. Il-Kunsill għandu jiċċekja mad-Dipartiment x'jista jsir f'dan il-każ.

**7. Approvazzjoni ta' *bye-laws* dwar *catering establishments***

Fl-aħħar seduta kienu tqassmu kopja ta' dawn il-*bye-laws* lill-kunsilliera kollha. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dawn il-*bye-laws*. Il-Kunsill għandu jkompli bil-proċess sabiex jiġu approvati dawn il-*bye laws* mill-Gvern ċentrali.

*Il-kunsilliera M. Azzopardi telqet mis-seduta fit-7.45pm*

**8. Proġett f'Tas-Sliema bl-għajnuna tal-MTA**

Dan is-suġġett se jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

*Il-kunsillier J. Galea telaq mis-seduta fit-7.50pm.*

**9 . Affarijiet Oħra**

Il-kunsill qabel fil-laqgħa li jmiss għandu jiddiskuti wkoll il-*bicycle lane*.

Is-seduta ngħalqet fit-8.15pm. Laqgħa oħra urġenti ġiet imsejħa għal 28 ta' Marzu, 2007 fl-4.30pm.

**Stefania Friggieri**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**